IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru42 (Tnejn u Erbgħin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar, 2022, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Vici Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| | Anthony Valvo |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**42.1. Item Nru 42.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

42.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.25pm u kulħadd kien preżenti. Is-Sinjura Doris Borg talbet li tiġi skużata mil-laqgħa minħabba impenn urġenti.

**42.2. Item Nru. 42.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-Minuti ġew moqrija u kien hemm korrezzjoni waħda mis-Sa. Rosabelle Pulis fejn f'punt 41.3.4 riedet tiċċara li l-informazzjoni kollha ġabita wara li tkellmet mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żabbar.
Wara din il-kjarifika il-minuti ġew approvati.

**42.3 Item Nru. 42.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

42.3.1 Is-Sindku qal li l-Water Services Corporation lestew il-*leaflet* u ser jibgħatuh lil Maltapost sabiex jitqassam fir-residenzi tax-Xgħajra. Dan il-fuljett ser ikun bil-Malti kif ukoll Bl-Ingliż.
42.3.2. Is-Sindku qal li l-Perit Buhagiar qiegħed jaħdem fuq il-proposta tad-Development Funds tal-Bandli ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Ix-Xogħol ser ikun qed jinkludi l-apparat tal-Bandli, paviment adegwat kif ukoll manutenzjoni ġenerali tal-area u l-Belveder.

42.3.3. Is-Sindku tkellem fuq ir-railing tax-Xatt u qal li hu ġie imwiehed li ser jibda x-xogħol fl-ewwel kwart tas-sena. Hu kompla jgħid li jekk sal-aħħar ta' Frar ikun għadu ma sar xejn mixu mod ieħor.

42.3.4 Is-Sindku tkellem fuq il-bus shelter u d-diffikultajiet li qed insibu biex dawn isiru ġodda. Is-Sindku qal li hemm kawża bejn il-Faces u Transport Malta u din tidher li ser iddum. Is-Sur Mario Fava taħ il- parir li nkellmu l-perit tagħna u jagħmel DNO hu biex il-proċess ikompli għaddej.

Sadanittant il-Kunsill qabel unanimament li jsir bus shelter temporanju fi Triq l-Ispnott bil-bricks għaliex hemm il-bżonn tiegħu imminenti.

42.3.5 Is-Sindku qal li bħalissa hemm skema miftuħa **SPI.SCI.9.2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022,** għalhekk ippropona li napplikaw għal dawn il-fondi sabiex inkunu nistgħu nerġgħu intellgħu il-Ġostra fix-Xgħajra. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta b' mod unanimu.

42.3.6 Is-Sindku xtaq jirrimarka li ma jsibx oġġezzjoni li jinxtraw il-laptops biex isir privat lit-tfal tax-Xgħajra pero hu tal-Parir li ma jsirx għalissa minħabba l-Covid. Is-Sa. Rosabelle Pulis qalet li din aħjar niddiskutuha meta tkun preżenti s-Sa. Doris Borg pero s-Sindku qal li hu tal-parir li ma jsirx u l-Kunsilliera l-oħra qablu miegħu.

42.3.7 Is-Sur Attard qal li hemm bżonn napplikaw għal zebra crossing fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja fejn Eastend Court. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

42.3.8 Is-Sindku qal li kellna laqgħa mal-Ministru Byron Camilleri fejn flimkien mal-Lesa ingħatajna l-fondi biex stajna ninstallaw cameras ġodda. L-ammont laħħaq il-€5,700. Il-Kunsill ikkofinanzja 20% minnhom.

**42.4 Item Nru 42.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

42.4.1 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa fuq il-jogging track u l-proġett tal-Boċċi. Għaliex dan it-tip ta' xogħol fejn hemm il-periti involuti qed nimxu bilmod ħafna. Hu kompla jgħid li mbgħad il-kontijiet dejjem nirċevuhom mil-ewwel u jippretendu li jitħalsu mil-ewwel.

Is-Sindku qal li l-Proġett tal-Jogging track qed nistennew li niffinalizzat l-abbozz tat-tender u jintbgħat lil Infrastruttura Malta għall-verifika u tal-Boċċi qed nistennew mil-Perit u l-Planning Authority.

42.4.2 Is-Sur Camilleri staqsa jekk din is-sena jistax jerġa jiġi sponsorjat il-kalendarju tal-Klabb tal-futbol bħas-snin l-oħra. Kulħadd qabel ma' din il-proposta li l-ispiża ser tkun madwar €1,000.

**42.5 Item Nru. 42.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

42.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**42.6 Item Nru. 42.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

42.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**42.7 Item Nru. 42.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

42.7.1 Pagamenti b'numru 109 ġew approvati unanimament.

**42.8 Item Nru. 42.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

42.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**42.9 Item Nru. 42.9 fuq l-Aġenda – Performance Bonus tal-Ħaddiema.**

Is-Sindku ipprezenta l-performance Appraisal tal-Ħaddiema u irrakomanda li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* kollu ta' 10%. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet issekondata mil-Kunsillier is-Sur Raymond Camilleri u approvata b'mod unanimu mil-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Appraisal tal-ħaddiema Rita Said u Josette Camilleri u rrakkomanda li jingħataw il-bonus kollu ta' 6%. Kulħadd qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

Apparti hekk il-Kunsill qabel ukoll li jingħataw l-bonus il-ħaddiema l-oħra wkoll tax-xogħol siewi li jagħmlu.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1420 – Malta
Tel: 21694242
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

**42.10 Item Nru. 42.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

42.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10pm
Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 24 ta' Frar, 2022

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1420 – Malta
Tel: 21694242
E-Mail xghajra.lc@gov.mt